Hekk jintilef il-moħħ ta' dawn l-imsejkna. Il-manikomji ta' l-Eġittu huma miżgħuda bihom.

Ħalim baqa' jiġri u jhewden: imbażża' minn dawk in-nirien li ħassu bihom imdawwar... kif sata' jaħrab minnhom?... Ah! in-Nil! dik ix-xmara ħelwa li l-ilmijiet tagħha kien jarahom niżlin minn quddiem il-villa ta' missieru. In-Nil, il-għana u l-hena ta' Masr! Hija biss tista' tħarsu u tkennu minn dawk in-nirien ta' Gohannam (11). Setgħu dawn jirbħu lin-Nil ukoll? Le! qatt, qatt!

* * *

Ix-xemx kienet qed tiżreġ bil-ħlewwa kollha tagħha fuq wied in-Nil mimli bil-ħdura.

Fuq ix-xmara mal-*barraġe* tal-Qaljubija, kien hemm dgħajsa kbira tad-Dipartiment tal-Pontijiet b'xi nies ġo fiha; tnejn minnhom bl-asti twal f'idejhom b'ganċ fit-tarf kienu qegħdin jitħabtu biex jaqilgħu xi ħaġa li l-kurrent kien mar iwaħħal mal-bibien tal-ħadid tal-*barraġe* li f'dak il-ħin kienu maqfula għat-tqassim ta' l-ilma.

—"Jalla, ja Ħasan"—qal ir-rajjes li kien fil-poppa—"aħtfu issa."

U l-ganġ ta' Ħasan dlonk issannar f'dak li kien hemm fil-wiċċ ta' l-ilma u bl-għajnuna ta' l-oħrajn wassluh sa qiegħ id-dgħajsa.

It-tlitt irġiel daru miegħu biex jaraw sewwa x'inhu.

—"Hmm!"—gerger ir-rajjes—"drajniha issa, imgħarraq ieħor."

—"Jaħasra għadu żagħżugħ ħafna"—qal wieħed mill-qaddiefa.

—"Il-lum is-sajda ma tatniex x'nagħmlu wisq"—raġa' r-rajjes "għax ħadd ħlief dan l-imsejken ma ġie jieqaf mal-bibien tal-pont. Isa, aqdfu lejn l-art ħalli neħilsu minnu u mmorru lejn ir-raħal għax biżżejjed għamilna lejl sħiħ fuq l-ilma.

U ġisem l-imgħarraq ġie meħud fejn jieħdu lil dawk kollha li jsibu mewthom barra minn darhom, biex in-nies tista' tagħrafhom.

Iżda ħadd ma mar igħid li dak l-imgħarraq kien qaribu u wara ftit indifen taħt ftit xbar trab fil-*Madfan* (12) ta' Imam ex-Xâfi.

* * *



U b'hekk in-Nil ħeles lil Ħalim, iben il-kburi Osman Baxa, minn dak il-mungbell tan-nar li awl il-lejl kienet qanqlet fil-moħħ marid tiegħu d-dehra t'oħtu Gamila.

(1) *Haxix*=Cannabis Indica. Din is-siġra tinbet fl-Indja, fil-Balkani u f'inħawi oħra tal-Lvant. Tinbet ukoll fl-Amerika fejn hija magħrufa taħt l-isem ta' "marihwana".

(2) *Galabija*=Blusa twila, aktarx ta' lewn iżraq, milbus min-nies baxxi.

(3) *Qism*=Distrett. Il-Kajr fih erbatax il-'Qism'; plular 'Aqsâm'.

(4) *Is-Saïd*=L-Eġittu ta' Fuq.

(5) *Maħxaxa*—Gorboġ fejn jiltaqgħu dawk li jpejpu l-*ħaxix*.

(6) *Hàsàna l-Illah, ja moħsenin"*=It-tallaba ta' l-Eġittu, mixħutin għall-qiegħa ta' l-art, igħidu dan il-kliem waħda f'waħda li bil-malti bejn wieħed u ieħor ifisser "f'ġieħ Alla ja nies ħanina, agħmlu karità.

(7) *Qirx tarifa*=Biċċa flus eġizjana: qisha ħmistax-il-ħabba.

(8) *Gôza*=Bħal pipa kbira magħmula mill-ġewż ta' l-Indji.

(9) *Haxxaxin*=Hekk jissejħu dawk li jpejpu jew jieklu l-*ħaxix*. Dawn igħidu li meta jkunu taħt il-ħakma tiegħu jidhrulhom ħwejjeġ ta' kull għamla li jhennuhom u jġagħluhom iħossu li daħlu f'dinja oħra.

(10) *Hanem* (plural *Hawonem*) Hekk jixraq li jissejħu n-nisa ta' grad ogħla minn dak tan-nofs. Il-kelma hija torka.

(11) *Gohannam*=Infern.

(12) *Madfan*=Ċimiterju.

## LILL-GĦAJJUR

Għidli għala ħbub għajnejk
Xejn ma jixbhu lil tal-bieraħ
Ja għajjur?..! Tixbeh lill-qamar;
Daqqa mimli, oħra fieragħ!...—

...Xi ħsieb ħajjen berrint f'moħħok!
Turi s-sfura ta' ħaddejk;
Donnu s-semm ħiereġ bħal vleġeġ...
Biż-żebbiġ ta' ħbub għajnejk!

Daqqa tidher se tinfena
Donnha nliet qalbek bil-hemm,
Oħra donnha mfawra bl-hena
Iżda għajnejk dejjem bis-semm!

Indunajt tal-ferħ, u n-niket
Kif issir dil-bidla fik!—
Tfur bil-ferħ għad-deni t'għajrek
Iżda l-ġid ta' ħuk jifnik!

R. M. B.